**5 ta' Ottubru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Felix Fenech *et*

*versus*

Carmelo Bonanno *et*

***Ao Spolii* - Spoll**

*Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti fejn sabet illi kien hemm spoll u ordnat ir-reintegrazzjoni.*

Il-Qorti:-

Fis-27 ta' Frar, 1996, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ppronunzjat is-segwenti sentenza li minnha appellaw il-konvenuti:

"F'din il-kawża l-atturi jsostnu li huma l-gabillotti ta' diversi għelieqi li jinstabu fil-Qammiegħ limiti tal-Mellieħa;

Huma u l-aventi kawża tagħhom, ilhom żmien twil igawdu dritt ta' passaġġ bir-riġel kif ukoll għall-ilma fuq għalqa li

tinstab f'idejn il-konvenuti;

Il-konvenuti bnew żewġ ħitan b'mod *illi l-atturi ma* jistgħux jgħaddu bir-riġel u jgħaddu l-ilma u b'hekk l-istess konvenuti kkommettew spoll kontra l-istess atturi;

In sostenn ta' l-allegazzjonijiet fattwali tagħhom jesebixxu diversi ritratti;

*Omissis*;

Għas-soluzzjoni ta' din il-vertenza l-Qorti aċċediet fl-akkwati in kwistjoni fit-18 ta' Marzu, 1995;

B'nota ta' referenzi ppreżentata fit-22 ta' Settembru, 1995, l-atturi ndikaw diversi sentenzi tal-Qrati tagħna li elenkaw l-elementi neċessarji biex iċ-ċitazzjoni odjerna jkollha suċċess;

Il-Qorti taqbel ma' dawn is-sentenzi u għalhekk trid teżamina: jekk fattwalment sarx l-att ta' spoll; jekk l-atturi verament kinux jgħaddu minn dan il-passaġġ, anke jekk din il-mogħdija, fiha nnfisha, ma kinitx servitù reali, u dan għaliex il-fatt li huma kienu jgħaddu jissinifika li huma kellhom almenu stat ta' detenzjoni, li huwa suffiċjenti għall-finijiet ta' din l-azzjoni (artikolu 535 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 12) u jekk iċ-ċitazzjoni odjerna saritx entro x-xahrejn mill-att ta' spoll in kwistjoni;

L-entità tas-servitù huwiex bir-riġel jew anke bl-inġenji u kwistjonijiet oħra in konnessjoni ma' dan id-dritt huma rrilevanti għal din il-kawża;

Il-konvenut Carmelo Bonanno xehed fil-21 ta' Frar, 1995,

b'dan il-mod:

"Jiena nghid li bejn dan il-hajt u l-hajt tas-sejjieh l-iehor kien hemm spazju li jiena u hija ghalaqnih";

U aktar tard:

"Il-wesgha li kien hemm, li jiena u hija ghalaqna, kienet wiesgha kemm kemm jghaddi bniedem";

U f'parti ohra:

"Il-ġebel li ahna użajna biex dan il-passaġġ nghalquh ġibnih parti minnu mill-hajt stess u parti minnu xtrajnih minghand kuntrattur il-Mellieha, ma niftakarx x'jismu";

U aktar tard:

"Skond dak li qaluli missieri u żijuwi, l-unika tnejn mill-konvenuti li kienu jghaddu, kienu Felix u Maria Fenech u anke dawn bla permess;

Issa kif irranġajt il-hajt jiena, definittivament ma jistghux jghaddu aktar";

Din id-dikjarazzjoni ta' l-istess konvenut fiha innifisha hija suffiċjenti biex jirrikorru l-ewwel żewġ elementi fuq elenkati, biex tirnexxi dina l-azzjoni almenu fil-konfront ta' l-attur Felix Fenech;

Hemm però x-xhieda ta' Anthony Bartolo, Charles Borg, Joseph Borg u Anthony Debono li ddikjaraw li l-atturi l-ohra

*kienu ukoll jgħaddu minn dan il-passaġġ;*

Il-konvenut l-ieħor Joseph Bonanno xehed fil-11 ta' Lulju, 1995;

Huwa jammetti li ppartećipa biex itella' l-ħajt u ngħalaq *il-*passaġġ in kwistjoni;

Jirriżulta ukoll mid-diversi xhieda li ġiet ippreżentata, *li* dan ix-xogħol sar f'xi perijodu f'Awissu. Iċ-ċitazzjoni ġiet ippreżentata fis-16 ta' Settembru, 1994, u huwa għalhekk ippruvat ukoll li jirrikorri anke t-tielet element u ċ-ċitazzjoni ġiet ippreżentata entro x-xahrejn;

Għaldaqstant jirriżulta li l-elementi kollha rikjesti biex it-talbiet attriċi jiġu milqugħa jeżistu f'dan il-każ;

Il-Qorti għalhekk qiegħda taċċetta t-talbiet attriċi u *tiddikjara li l-konvenuti, it-tnejn kemm huma, ikkommettew* spoll kontra *l-atturi bl-aġir tagħhom billi tellgħu l-ħajt in* kwistjoni, tikkundanna lill-istess konvenuti biex fiż-żmien ġimgħatejn mil-lum jirrentigraw lill-atturi fil-pussess ta' l-imsemmi passaġġ u fin-nuqqas li jsir dan tawtorizza lill-istess atturi biex taħt is-superviżjoni tal-Perit Joseph Jaccarini jagħmlu huma dan ix-xogħol;

L-ispejjeż kif mitluba huma ukoll a karigu ta' l-istess konvenuti";

*Din il-Qorti* ser tgħaddi in rassenja *l-aggravji* ta' *l-*appellanti u tikkunsidrahom fl-ordni lilha sottomessi:

Huma jsostnu qabel xejn li mhux minnu li l-atturi *appellati*

f'xi żmien kienu jgħaddu mill-għalqa fil-pussess tal-konvenuti appellanti għall-għelieqi tagħhom tal-Qammiegħ, Mellieħa. Dan hu fattwalment għal kollox skorrett. Biżżejjed jingħad li l-istess konvenut Carmelo Bonanno jismentixxi din l-affermazzjoni u jgħid li mill-atturi kien jara biss lil Felix Fenech jgħaddi minn dan il-passaġġ. Kien hemm darba meta ra lill-attur l-ieħor Carmelo Bonanno. Dan hu kkonfermat ukoll mill-konvenut l-ieħor Joseph Bonanno. Dan l-istess konvenut fir-rigward ta' dan il-passaġġ, jixhed hekk ukoll:

"Dan ma kien jintuża xejn meta jien kont żgħir. Meta jien kbirt ftit kienu jgħaddu. Beda jgħaddi Felix Fenech. Hu biss mill-atturi kien jgħaddi minn fuq l-art tagħna";

Hawn il-konvenuti jikkonfermaw ukoll illi huma tellgħu il-ħajt "bil-ħsieb li huma (il-konvenuti) ma jgħaddux". Aktar prova minn hekk, illi l-konvenuti kienu jużaw dan il-passaġġ li bħala fatt materjalment kien jeżisti, wieħed ma jistax ikollu. Da parti ta' l-atturi mbagħad, Felix Fenech jikkonferma li dan il-passaġġ kienu ilu jużah sa mill-1972, Carmel Bonanno xehed li hu kien ilu 40 sena jgħaddi mill-passaġġ in kwistjoni, waqt li John Bartoli jgħid li kien ilu s-snin jagħmel użu minn dan il-passaġġ, kien jużah meta jiġi biex isaqqi "meta jiena kont nimxi ma' l-ilma". Lill-attur Felix Fenech kien ġieli rah għaddej minn dan il-passaġġ bil-mutur tal-ħart;

Ma jista' jkun hemm allura l-ebda dubbju fir-rigward tal-pussess li kienu jgawdu l-atturi fuq il-passaġġ taħt eżami sakemm ġew minnu spoljati mill-konvenuti;

"Hu elementari f'materja ta' pussess li l-pussess li trid il-liġi fl-ispoljat għall-finijiet ta' reintegrazzjoni ma hemmx bżonn li jkun il-pussess ta' proprjetà jew ta' servitù, imma hu biżżejjed pussess kwalunkwe, anke purament materjali u di fatto" (Vol.

XXXVII, pt. I, p. 280);

"Anke pussess qasir ħafna u saħansitra pussess momentarju bu biżżejjed biex jawtroizza l-azzjoni ta' spoll ..." (Vol. XXXVII, pt. II, p. 642);

Ma hemmx dubbju allura li l-atturi ppruvaw abbundantement il-pussess li kellhom fuq il-passaġġ *de quo*. *Ippruvaw allura l-ewwel element ta' l-actio spolii - l-element possedisse*;

It-tieni element ta' l-azzjoni huwa l-fatt ta' *l-ispoll spoliatum fuisse*. Anke dan l-element ġie pruvat bl-ammissjoni stess tal-konvenuti li jaċċettaw li tellgħu l-ħajt li bih għalqu *permanentement il-passaġġ eżistenti bil-ħsieb li l-atturi ma* jgħaddux. L-ispoll huwa element materjali li jrid jiġi ppruvat. F'dan il-każ il-prova hi waħda tanġibbli u dwarha *ma jistax ikun* hemm kontestazzjoni;

L-appellanti jissottomettu li l-atturi appellati kellhom aċċess aktar *faċili* għall-għelieqi tagħhom *minn triq pubblika fl*-inħawi ta' l-għelieqi tagħhom li jużawha regolarment u li tista' taċċedi għaliha *bil*-karozzi rispettivi tagħhom. Din is-sottomissjoni hi għal kollox irrilevanti għall-azzjoni possessorja taħt eżami. Hija sottomissjoni ta' natura petitorja li tirrigwarda l-kwalità ta' servitù u l-mod kif din kellha tiġi eżerċitata. Il-fatt li l-liġi tagħti d-dritt lil min ikollu f'idejh il-fond servjenti li jesiġi li l-possessur tas-servitù jagħmel użu minn dak id-dritt bl-inqas diskapitu għall-fond servjenti u anke l-fatt li l-liġi tipprovdi li s-servitù tista' tiġi ukoll estinta *jekk jirriżulta* illi l-fond dominanti seta' faċilment jgħaddi mingħajr dan il-gravam fuq il-fond servjenti, ma jfissirx illi s-sid tal-fond servjenti jista' jieħu l-liġi f'idejh u, unilateralment, jispussessa lil min ikollu d-*dritt tas-servitù vjolentement u kontra l-volontà tiegħu. Hu*

għalhekk li fl-azzjoni possessorja l-liġi tesiġi biss il-prova tal-pussess u ta' l-att spoljattiv biex tassigura r-reintegrazzjoni ta' l-*istatus quo*;

Il-konvenuti appellanti jissottomettu ukoll li huma kellhom id-dritt li jiċċirkondaw l-għelieqi tagħhom b'ħajt tas-sejjieħ bl-eżerċizzju tal-jedd tagħhom li ġej mid-dritt Ruman u ċjoè, l-*actio finis regundorum*. Una volta huma eżerċitaw biss dan id-dritt mogħti mil-liġi ma setgħux jinstabu ħatja li kienu responsabbli li kkommettew spoll fil-konfront ta' l-attur. Dan l-argument hu għal kollox insostenibbli u antiġuridiku. Biżżejjed jingħad li d-drittijiet jistgħu jiġu biss eżerċitati fir-rispett tad-drittijiet ta' ħaddieħor u fl-osservanza tal-liġijiet. Liġijiet li qabel xejn jesiġu rispett lejn l-awtorità tal-qrati bħala l-unika salvagwardja għas-saltna tad-dritt. Li ma tippermettix l-eżerċizzju tal-jeddijiet b'mod arbitrarju u vjolenti imma tesiġi rikors lejn l-awtorità ġudizzjarja vestita bil-ġurisdizzjoni li tiddefinixxi l-vertenzi;

L-aġir tal-konvenuti allura ċertament jammonta għal spoll vjolenti u abużiv li "jikkonsisti fi kwalunkwe att arbitrarju li *marte proprio* jmur kontra l-volontà tal-persuna spoljata" (Vol. XLI, pt. II, p. 1133). Kif ingħad fis-sentenza **Nazzarena Sant *et vs* Rita Sammut**, deċiża minn din il-Qorti fis-7 ta' Ottubru, 1996: "Il-vjolenza ta' dan il-każ toħroġ mill-fatt li l-konvenuta, kontra l-volontà ta' l-atturi possessuri aġixxiet biex tieħu b'forza dritt li hija tippretendi li għandha meta kellha tirrikorri għal mezzi oħra biex tirrivendika d-drittijiet tagħha. Hu għal dawn is-sitwazzjonijiet li l-liġi tipprovdi l-*actio spolii* biex tassigura li jiġi ripristinat l-ordni soċjali li l-persuna li ġiet vjolentement spussessata tiġi qabel xejn reintegrata fil-pussess tagħha" *spoliatus ante omnia restituendum*;

Fl-aħħarnett l-appellanti donnhom qegħdin jissuġġerixxu

fir-rikors ta' l-appell taghhom illi hawn si tratta ta' każ fejn il-konvenuti kienu *jippermettu* lill-atturi jew almenu lil wiehed minnhom, Felix Fenech, li jghaddi b'tolleranza mill-fetha fil-hajt tas-sejjieh. Anke din is-sottomissjoni hi ġuridikament inaċċettabbli f'azzjoni ta' *spoll*. *Kif ġie ritenut* kostantement fil-ġurisprudenza, eċċezzjoni ta' din ix-xorta hi "f'kull każ legalment insostenibbli in kwantu *kwistjoni ta' tolleranza* m'ghandhiex normalment tiġi eżaminata f'dan il-ġudizzju sempliċement *posessorju privileġġjat*" (Vol. XXXVI, pt. I, p. 292; Vol. XXX, pt. I., p. 85; **Xuereb *vs* Sant Fournier**, Appell Ċivili, 12 ta' Diċembru, 1952; **Borg *vs* Dalli**, Appell Ċivili, 22 ta' Marzu, 1984; **Wismayer *vs* Wismayer**, Prim'Awla tal-Qorti, 5 ta' Ottubru, 1992 u ohrajn);

Ghal dawn il-motivi l-appell hu miċhud u s-sentenza appellata kkonfermata, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant;

Ghall-fini tat-terminu biex isir ix-xoghol skond kif *deċiż* fis-sentenza appellata, dan qed jiġi stabbilit fi żmien 15-il ġurnata dekoribbli mil-lum.

---